VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,910, 4 ta' Mejju, 2012
Taqsima B

A.L. 131 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)
Regolamenti tal-2012 dwar Istituzzjoni għal Studji Turistiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 132 tal-Att dwar l-Edukazzjoni, il-Ministru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2012 dwar Istituzzjoni għal Studji Turistiċi. Titolu.

2. L-għan ta' dawn ir-regolamenti huwa biex jirregola u jipprovdi dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi skont l-artikolu 132(2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni bħala entità mwaqqfa skont l-artikolu 2 tal-Att dwar l-Edukazzjoni. Skop. Kap. 327.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:- Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar l-Edukazzjoni;

"Bord tal-Gvernaturi " tfisser il-Bord mwaqqaf bir-regolament 9;

"Bord ta' Studji " tfisser il-Bord mwaqqaf bir-regolament 11;

"iċ-*Chairman*" tfisser iċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi;

"id-Direttur" tfisser id-Direttur Eżekuttiv tal-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi li jkollu dawk il-funzjonijiet u responsabbiltajiet kif stabbiliti fir-regolament 19;

"l-Istituzzjoni" tfisser l-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi;

"kwalifika" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni;

"programm" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"provditur" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"Qafas Malti tal-Kwalifiki" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 63 tal-Att;

"rikonoxximent" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-Att jew bir-regolamenti magħmulin taħtu għall-fini li jiġi stabbilit il-Qafas Malti tal-Kwalifiki;

"is-Segretarju Permanenti" tfisser il-persuna li tinħatar biex tissorvelja provvista ta' edukazzjoni f'Malta skont l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 497.

"is-Segretarju Permanenti Ewlieni" tfisser il-persuna li tinħatar skont l-artikolu 14 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

Kap. 497.

"il-Viċi *Chairman*" tfisser il-Viċi *Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Istituzzjoni għal Studji Turistiċi.

Ġenerali.
Kap. 497.

4. Id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Ewlieni taħt l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, u għas-setgħat li għandu li joħroġ direttivi u linji gwida li jkunu jirrigwardaw aġenziji tal-gvern.

Personalità ġuridika u rappreżentenza tal-Istituzzjoni.

5. (1) Skont l-i*status* tal-Istituzzjoni bħala entità mwaqqfa skont l-artikolu 2 tal-Att, l-Istituzzjoni tkun korp magħqud b'personalità ġuridika distinta u tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, tagħmel kuntratti, takkwista, ikollha u tiddisponi minn kull proprjetà għall-finijiet tal-funzjonijiet tagħha, tħarrek u tiġi mħarrka, u tagħmel dawk il-ħwejjeġ u tranżazzjonijiet kollha li jkunu inċidentali jew li jwasslu għall-eżerċizzju jew il-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt l-Att u dawn ir-regolamenti.

(2) Il-personalità ġuridika u r-rappreżentenza tal-Istituzzjoni ivestu fid-Direttur, iżda il-Bord tal-Gvernaturi jista' jinnomina lil xi membru wieħed jew aktar mill-membri tal-Bord jew mill-uffiċjali jew mill-impjegati tal-Istituzzjoni biex dawn jidhru f'isem u għall-Istituzzjoni fi proċedimenti fil-qorti jew fuq xi att, kuntratt, strument jew dokument ieħor.

(3) L-Istituzzjoni għandha tassumi l-personalità ġuridika li qabel kienet vestita fid-Dipartiment tal-Istitut għal Studji Turistiċi fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni u, minn meta jiġu fis-seħħ dawn ir-regolamenti, tassumi r-responsabbiltà għal kull attiv, passiv u obbligazzjoni li qabel ikun daħal għalihom dak id-Dipartiment jew kull korp ieħor f'ismu.

Ilsna uffiċjali.

6. L-ilsna uffiċjali tal-Istituzzjoni huma l-Malti u l-Ingliż. L-

Istituzzjoni tista' tuża kemm ilsien wieħed jew ieħor għal finijiet uffiċjali.

Għanijiet.

7. (1) L-Istituzzjoni għandha l-missjoni li tiżviluppa persuni permezz ta' tagħlim ta' kwalità sabiex tinkiseb l-eċċellenza fit-turiżmu.

(2) Meta tkun qegħda twettaq il-missjoni tagħha l-Istituzzjoni għandha tħares dawn il-prinċipji li ġejjin:

(a) il-provvista ta' kurrikulu bbażat fuq il-ħtigiet ta' min ikun qed jitgħallem u li jippromwovi l-kreattività, l-innovazzjoni, il-parteċipazzjoni, ir-riflessjoni, l-indipendenza personali u l-iżvilupp ħolistiku ta' min ikun qed jitgħallem;

(b) il-provvista ta' ambjent ta' tagħlim inklussiv, li jiżgura l-aċċess ekwu għal kulħadd irrispettivament minn kull diversità;

(ċ) il-promozzjoni ta' żvilupp professjonali permezz ta' opportunitajiet ta' tagħlim tul il-ħajja għal kull xorta ta' individwi li jkunu qed jitgħallmu;

(d) il-provvista ta' gwida individwali u *mentoring* lil min ikun qed jitgħallem;

(e) l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi, ħiliet ta' tmexxija u intraprenditorjali li jkunu jimxu max-xejriet u l-ħtiġiet tal-industrija tat-turiżmu;

(f) il-promozzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni, b'ftehim ħolistiku tad-differenzi bejn kulturi lokali u barranin;

(g) il-ħtieġa tat-twettiq ta' prattiċi etiċi u li jagħtu każ tal-ambjent u impenn lejn il-professjonaliżmu u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

(h) l-iżvilupp dejjem kontinwu u t-tisħiħ tal-istudji turistiċi bħala element ewlieni tal-edukazzjoni vokazzjonali f'Malta; u

(i) permezz tal-operazzjonijiet tagħha, il-promozzjoni ta' Malta bħala post ta' turiżmu edukattiv u l-promozzjoni tat-turiżmu f'Malta b'mod ġenerali.

(3) (a) L-Istituzzjoni għandha tipprovdi dawn il-korsijiet u programmi ta' tagħlim li ġejjin inkluża esperjenza prattika u dik ta' fuq ix-xogħol, li jwasslu għal kwalifiki rikonoxxuti skont il-Qafas

Malti tal-Kwalifiki, fi snajja', ħiliet, u professjonijiet kif jista' jkun meħtieġ fit-turiżmu, fir-ristoranti u fl-industrija u servizzi tal-ikel, inkluż bit-tagħlim mill-bogħod jew b'kull mezz effettiv ieħor u minn kull post adatt, skont l-għan tal-kors jew tal-programm:

(i) fil-livelli sa u inkluż il-livell 5 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki; u

(ii) bl-approvazzjoni tal-Ministru, fil-livelli 6 sa 8 tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki:

Iżda dawk il-korsijiet u programmi għandhom ikunu jinkludu wkoll għażliet fil-kors u fil-programm li jkunu adatti għal min ikun ser jidħol fl-industrija u programmi speċjalizzati għal persunal fl-industrija tat-turiżmu;

(b) L-Istituzzjoni għandha tiżgura dan li ġej:

(i) li l-korsijiet u programmi li jiġu provduti skont il-paragrafu (a) jkollhom l-għan li jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi tekniċi, ġeneriċi u ta' aġir, li jintegraw it-teorija u l-prattika u li jippromwovu metodi ta' moderni ta' tmexxija;

(ii) li l-*work placements* għal min ikun qed jitgħallem li jkunu stabbiliti bħala parti mill-korsijiet u l-programmi msemmija fil-paragrafu (a) jiġu provduti skont *standards* ta' kwalità stabbiliti skont il-ħtiġiet tal - Istituzzjoni;

Korpi ta' Tmexxija tal-Istituzzjoni.

8. (1) Il-korpi ta' tmexxija tal-Istituzzjoni jkunu dawn li ġejjin:

(a) il-Bord tal-Gvernaturi; u

(b) il-Bord ta' Studji.

(2) L-uffiċjali ewlenin tal-Istituzzjoni huma:

(a) iċ-*Chairman*;

(b) id-Direttur;

(ċ) il-Viċi Direttur;

(d) il-Kap tal-Affarijiet Akkademiċi;

(e) il-Kap tal-Amministrazzjoni;

(f) il-Reġistratur;

(g) il-Kapijiet tad-Dipartimenti; u

(h) il-*Managers* tal-Fergħat.

Kompożizzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.

9. (1) Il-Bord tal-Gvernaturi jkun l-ogħla korp ta' tmexxija tal-Istituzzjoni. Dan ikun magħmul minn mhux inqas minn seba' u mhux iżjed minn disa' membri li jiġu nominati mill-Ministru għal żmien ta' tliet snin u l-membri jkunu jistgħu jerġgħu jiġu maħtura wara li jiskadi ż-żmien tal-kariga tagħhom. Il-membri tal-Bord iservu fil-kapaċità personali tagħhom.

(2) Il-Ministru għandu jaħtar minn fost il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi *Chairman* u Viċi *Chairman*. Fil-każ li ċ-*Chairman* ikun msiefer jew għal xi raġuni oħra, għal xi żmien, ma jkunx f'pożizzjoni li jwettaq il-qadi tal-funzjonijiet tiegħu, il-Viċi *Chairman* għandu jaġixxi ta' *Chairman* u għandu jwettaq il-setgħat u l-funzjonijiet taċ-*Chairman*.

(3) Id-Direttur ikollu jedd jattendi l-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi mingħajr ma jkollu d-dritt għal vot, iżda għandu jirtira minn kull laqgħa fejn jiġu diskussi affarijiet li jirrigwardaw lilu personalment.

(4) Il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi għandhom ikunu persuni b'kompetenza jew esperjenza fis-settur tal-edukazzjoni, tat-taħriġ vokazzjonali, fl-industrija tat-turiżmu, fl-intraprenditorija, fil-politika dar it-turiżmu jew fl-ippjanar tat-turiżmu fuq livell makro, u li, fl-opinjoni tal-Ministru, ikollhom kwalitajiet ta' tmexxija, u jkunu jagħrfu l-importanza tal-istudji turistiċi fil-kuntest ta' żvilupp soċjo-ekonomiku ġenerali:

Iżda l-Ministru għandu jinnomina bħala membri tal-Bord tal-Gvernaturi lil dawk il-persuni biex jirrappreżentaw l-interessi ta' xi fergħa tal-Istituzzjoni, li jistgħu jkunu meħtieġa.

(5) Membru tal-Bord tal-Gvernaturi jista' f'kull waqt jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Ministru minħabba li jkun inkapaċi li jwettaq il-funzjonijiet tal-kariga tiegħu kif meħtieġ, sew minħabba diżordni mentali jew mard fiżiku, jew għal kull raġuni oħra li minħabba fiha l-membru ma jibqax aktar idoneu biex jokkupa dik il-kariga jew minħabba fi mġieba ħażina.

(6) Membru tal-Bord tal-Gvernaturi jista' jirriżenja mill-kariga tiegħu permezz ta' ittra indirizzata lill-Ministru. Jekk xi membru jagħti r-riżenja tiegħu jew jitneħħa mill-kariga tiegħu mill-Ministru jew jekk il-kariga ta' xi membru ssir b'xi mod vakanti, il-

Ministru jista’ jaħtar persuna kwalifikata biex tassumi dik il-kariga u kull min jiġi hekk maħtur għandu jibqa’ jokkupa dik il-kariga sakemm jiskadi ż-żmien tal-ħatra tal-persuna li tkun qegħda tiġi hekk sostitwita u dik il-persuna tkun eliġibbli biex terġa tiġi maħtura.

(7) Kull assenza jew vakanza fost il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi, jew kull parteċipazzjoni fil-laqgħat tiegħu minn xi persuna li ma jkollhiex jedd tagħmel dan, ma jinvalidax il-proċeduri tal-Bord, sakemm ikun hemm *quorum* ta’ mhux inqas minn nofs in-numru ta’ membri tal-Bord tal-Gvernaturi u wieħed.

(8) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta’ dawn ir-regolamenti, il-Bord tal-Gvernaturi jista’ jaħtar kumitati u ġeneralment jirregola l-proċeduri tiegħu nnifsu.

(9) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar Segretarju biex iżomm il-minuti u rekord tal-laqgħat u tad-deċiżjonijiet.

(10) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiltaqa’ mill-inqas darba kull xahrejn.

(11) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu kull prekawzjoni neċessarja u jittratta tagħrif dwar kwistjonijiet kummerċjalment sensittivi bl-aktar mod kunfidenzjali fir-relazzjonijiet tiegħu kemm ma’ entitajiet pubbliċi kemm ma’ dawk privati li jistgħu jkunu kkonċernati.

Funzjonijiet u setgħat tal-Bord tal-Gvernaturi.

10. (1) Il-Bord tal-Gvernaturi jkollu d-dmir li jwettaq l-għanijiet u jeżerċita s-setgħat tal-Istituzzjoni kif provdut fl-Att u f’dawn ir-regolamenti, u għandu partikolarment dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jiżviluppa d-direzzjoni, l-strateġija u d-dehra tal-Istituzzjoni u ta’ kull fergħa tagħha, inkluża l-adozzjoni ta’ pjani perjodiċi ta’ żvilupp għall-Istituzzjoni u l-fergħat tagħha;

(b) li jikseb, jamministra u jikkontrolla r-riżorsi, faċilitajiet u proprjetà, kemm mobbli u immobbli, tal-Istituzzjoni, inkluż il-ksib u l-użu ta’ riżorsi għat-tmexxija tal-Istituzzjoni u ta’ kull fergħa tagħha;

(ċ) li jqassam bejn id-dipartimenti u l-fergħat fi ħdan l-Istituzzjoni, kif jista’ jkun il-każ, ir-riżorsi li jkollha l-Istituzzjoni bħala fondi kif ukoll bħala fondi, faċilitajiet, servizzi, tagħmir u persuni;

(d) li jaħdem mal-industrija tat-turiżmu u organizzazzjonijiet oħra fl-isforz li jkun qed jagħmel biex

jissorvelja u jiżviluppa l-ħtiġiet ta' min ikun qed jitgħallem;

(e) li jassisti u jagħti pariri lid-Direttur fil-ksib ta' livell ta' eċċellenza fi *standards* tal-korsijiet u programmi tal-Istituzzjoni sabiex il-gradwati tal-Istituzzjoni jirnexxielhom jiksbu karrieri ta' sfida u ta' sodisfazzjon għalihom fl-Industrija tat-Turiżmu;

(f) li jassisti lid-Direttur sabiex jiżgura li l-Istituzzjoni tikkonforma ruħha mal-ħtiġiet tal-Kummissjoni Nazzjonali għal Edukazzjoni Ogħla u tal-Kunsill Malti għall-Kwalifiki, kif provdut fl-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu u ma' kull politika u strateġija nazzjonali fl-edukazzjoni jew it-turiżmu kif adottati mill-Gvern minn żmien għal żmien;

(g) bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 7, li jistabbilixxi korsijiet, programmi, dipartimenti, ċentri speċjalizzati, libreriji, postijiet għal xogħol prattiku, uffiċċji u strutturi oħra fi ħdan l-Istituzzjoni sabiex tkun tista' titwettaq il-missjoni tal-Istituzzjoni:

Iżda il-korsijiet, programmi u dipartimenti jistgħu biss jitwaqqfu mill-Bord tal-Gvernaturi wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Studji;

(h) bl-approvazzjoni tal-Ministru, li jwaqqaf fergħat tal-Istituzzjoni f'Malta, Għawdex u barra l-pajjiż;

(i) li jistabbilixxi, skont il-ħtiġiet tal-Qafas Malti tal-Kwalifiki, il-kundizzjonijiet għad-dħul fi programm jew kors provdut mill-Istituzzjoni;

(j) li jipprovdi proċeduri adatti għall-assessjar u ċ-ċertifikazzjoni ta' min ikun qed jitgħallem;

(k) li jissorvelja l-ispiża u l-amministrazzjoni tal-Istituzzjoni f'kull livell u li japprova l-proposti ta' kull sena dwar l-estimi li jkunu ser jiġu ppreżentati lill-Ministru fi żmien stabbilit;

(l) li jaħtar Direttur, u bil-parir tiegħu, li jaħtar ukoll kull uffiċjal ewlieni ieħor tal-Istituzzjoni;

(m) li jistabbilixxi, u jabolixxi, karigi akkademiċi u xort'oħra u jaħtar persuni għal dawk il-karigi;

(n) li jagħmel linji gwida u tistabbilixxi proċeduri dwar il-ħidma u l-imġieba ta' studenti, għalliema u persuni oħra

inkarigati jagħtu servizz fl-Istituzzjoni, sew jekk ingaġġati b'kuntratt ta' servizz indefinittiv jew definittiv, sew b'kuntratt għal servizz, sew jekk sekondati jew mislufa lill-Istituzzjoni mill-gvern, minn entitajiet pubbliċi jew privati;

(o) li jagħmel linji gwida li jistabbilixxu regoli dwar xi programm jew kors jew programm provdut mill-Istituzzjoni;

(p) li jagħmel kull linji gwida oħra, regoli u proċeduri oħra skont kif provdut f'dawn ir-regolamenti;

(q) li jaħtar eżaminaturi Maltin jew barranin skont linji gwida u proċeduri li jkunu stabbiliti bil-quddiem, u li jiżgura li dawn jitħallsu għas-servizz li jagħtu;

(r) li jiżgura li jinżammu u jittejbu livelli akkademiċi u ta' taħriġ kif imiss;

(s) li jistabbilixxi skemi ta' assikurazzjoni ta' kwalità interna skont il-ħtiġiet al-Att jew xi regolamenti magħmulin taħtu u l-proċeduri ta' awditjar meħtieġa għall-operat tal-Istituzzjoni;

(t) li tagħmel mill-aħjar biex l-Istituzzjoni twettaq proġetti ta' xorta transkonfini li jkun parti f'kull ftehim li jkun jidhirlu li jkun meħtieġ ma' entitajiet pubbliċi jew privati u li jkollu x'jaqsam mat-turiżmu jew mal-edukazzjoni dwar it-turiżmu u ma' istituzzjonijiet tat-tagħlim f'Malta u barra minn Malta biex l-Istituzzjoni tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha;

(u) permezz tal-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni, f'koperazzjoni mal-Ministeru responsabbli għat turiżmu meta dan jkun meħtieġ, jippubblika u jippromwovi il-politika, pjanijiet, programmi, korsijiet u l-operat tal-Istituzzjoni b'mod li jistabbilixxi l-Istituzzjoni u l-fergħat tagħha bħala element vitali fl-infrastruttura tat-turiżmu f'Malta;

(v) li jistabbilixxi attivitajiet anċillari li jkollhom x'jaqsmu mat-turiżmu bl-għan dirett li jtejbu l-esperjenza tat-tagħlim ta' min ikun qed jitgħallem u li jaħdem attivament għall-espansjoni tal-aspetti kummerċjali u d-dimensjoni internazzjonali tal-Istituzzjoni;

(w) li jistabilixxi fi ħdan l-Istituzzjoni, hekk kif u meta jkun xieraq, residenza li tkun adatta għall-missjoni tal-Istituzzjoni inklużi, fi ħdana, kull wieħed mis-servizzi provduti mill-Istituzzjoni lill-pubbliku;

(x) li jwettaq kull funzjoni oħra li jista' jqis li tkun meħtieġa biex jeżegwixxi l-poteri u l-funzjonijiet tal-Istituzzjoni li m'humiex, b'dawn ir-regolamenti, vestiti f'xi korp regolatorju ieħor tal-Istituzzjoni; u

(z) li twettaq kull funzjoni oħra mogħtija lilu mill-Ministru minn żmien għal żmien.

(2) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu wkoll japprova il-kurrikula u s-sillabi ppreżentati mill-Bord ta' Studji u, meta jqis li jkun hekk meħtieġ, li jreġġagħhom lura lil dak il-Bord ta' Studji flimkien mal-parir tiegħu dwar xi emendi proposti.

(3) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiċċertifika, fejn jiġi hekk approvat mill-Kunsill Malti għall-Kwalifiki jiċċertifika l-ħiliet għall-eżerċizzju ta' sengħa, vokazzjoni jew professjoni, kif ukoll ta' profiċjenza f'xi sengħa, ħidma teknika, teknoloġija, jew f'kull attività oħra kummerċjali jew ekonomika li jkollhom x'jaqsmu mat-turiżmu.

(4) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiżgura li r-rikonoxximenti li tagħti l-Istituzzjoni jkunu rikonoxxuti kemm f'livell nazzjonali kemm f'dak internazzjonali, u li, kull fejn dan japplika, dawn ikollhom x'jaqsmu ma' *standards* mwaqqfa fil-Qafas ta' Kwalifiki Ewropej.

Il-Bord ta' Studji.

11. Il-Bord ta' Studji jkun magħmul minn dawn il-membri li ġejjin:

(a) id-Direttur li jippresjedi *ex officio*;

(b) il-Viċi Direttur *ex officio*;

(ċ) il-Kap tal-Affarijiet Akkademiċi *ex officio*;

(d) il-Reġistratur *ex officio*;

(e) il-Kapijiet tal-Dipartiment *ex officio*;

(f) membru wieħed li jiġi elett minn u minn fost il-persunal akkademiku;

(g) membru wieħed, li jkun il-president tal-assoċjazzjoni ewlenija tal-istudenti fl-Istituzzjoni, elett minn u minn fost persuni li jkunu qegħdin jitgħallmu fl-Istituzzjoni; u

(h) żewġ membri minn fost il-membri tal-Bord tal-Gvernaturi.

Funzjonijiet tal-Bord ta' Studji.

12. (1) Il-Bord ta' Studji għandu jkun responsabbli għad-direzzjoni ġenerali tal-provvista tal-programmi u korsijiet tal-Istituzzjoni, u għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jipproponi lill-Bord tal-Gvernaturi l-programmi u l-korsijiet li għandhom jiġu provduti mill-Istituzzjoni, wara konsultazzjoni rigward il-kurrikulu ta' dawk il-programmi u korsijiet ma' partijiet interessati;

(b) li jipproponi lill-Bord tal-Gvernaturi linji gwida dwar programmi u korsijiet provduti mill-Istituzzjoni, dokumentazzjoni u eżamijiet fl-Istituzzjoni u li jistabbilixxi dawk ir-rikonoxximenti u distinzjonijiet għal dawk il-kandidati li jissodisfaw il-kundizzjonijiet applikabbli mat-tmiem tal-programmi u l-korsijiet;

(ċ) li jiddeċiedi dwar il-persuni li għandhom jingħataw ir-rikonoxximenti u distinzjonijiet oħrajn;

(d) li jivverifika li l-proċeduri ta' assessjar użati mill-Istituzzjoni jkunu konformi mal-politika akkademika approvata tal-Istituzzjoni;

(e) li jistabbilixxi, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Att u ta' dawn ir-regolamenti, il-kundizzjonijiet ta' dħul għal programmi u korsijiet tal-Istituzzjoni;

(f) li jinnomina eżaminaturi Maltin jew barranin skont linji gwida u proċeduri stabbiliti bil-quddiem biex dawn jiġu approvati mill-Bord tal-Gvernaturi;

(g) li jirrikonixxi, wara rakkomandazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti skont l-Att, kwalifiki, rikonoxximenti u distinzjonijiet ta' provdituri tal-edukazzjoni oħrajn, għal-fini ta' aċċess għal programm jew kors tal-Istituzzjoni;

(h) li jagħti pariri lill-Bord tal-Gvernaturi dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mat-tagħlim relatat mat-turiżmu; u

(i) li jittratta kull ħaġ'oħra li tkun tirreferi għall-edukazzjoni u t-taħriġ u li tista' tokkorri fl-amministrazzjoni tal-Istituzzjoni.

(2) Il-Bord ta' Studji għandu jiltaqa' mill-inqas darba kull sitt ġimgħat u l-*quorum* għal-laqgħat għandu jkun ta' mhux inqas minn nofs l-għadd ta' membri tal-Bord u wieħed.

(3) Il-Bord ta' Studji jista' jaġixxi minkejja kull vakanza fost

il-membri tiegħu u l-*quorum* għandu jitqies bħallikieku ma kien hemm ebda vakanza bħal dik.

Dispożizzjonijiet komuni għall-Korpi ta' Tmexxija tal-Istituzzjoni.

13. (1) Kull kwistjoni li tinġieb għal deċiżjon f'laqgħa ta' xi korp ta tmexxija tal-Istituzzjoni għandha tiġi deċiża b'maġġoranza tal-voti tal-membri preżenti u votanti, u jekk fuq xi kwistjoni bħal dik il-voti jkunu ndaqs, il-membru li jkun qed jippresjedi jkollu u jitfa' il-vot deċiżiv tiegħu.

(2) Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'dawn ir-regolamenti, persuni li jkollhom xi kariga f'korp ta' tmexxija li ma tkunx kariga *ex officio* għandhom iżommu dik il-kariga għal żmien sentejn:

Iżda dawk il-persuni għandhom ikomplu jżommmu dik il-kariga, minkejja li tkun ntemmet iż-żmien tagħha, sakemm issir l-elezzjoni jew il-ħatra ta' persuna oħra biex tidħol minflok dik il-persuna.

L-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija.

14. Ikun hemm Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija tal-Istituzzjoni li jkun magħmul minn dawn il-persuni li ġejjin *ex officio*:

(a) id-Direttur li jippresjedi l-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija;

(b) il-Viċi Direttur;

(ċ) il-Kap tal-Affarijiet Akkademiċi;

(d) il-Reġistratur; u

(e) il-Kap tal-Amministrazzjoni.

Funzjonijiet tal-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija.

15. (1) Mingħajr preġudizzju għall-funzjonijiet u responsabbiltajiet tal-membri tal-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija kif provdut f'dawn ir-regolamenti, l-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija jkun jopera taħt id-direzzjoni tad-Direttur u għandu jkollu dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li wara konsultazzjoni mal-Bord ta' Studji, jiżviluppa u jipproponi minn żmien għal żmien lill-Bord tal-Gvernaturi pjan ta' żvilupp għall-Istituzzjoni;

(b) li jiżgura djalogu u komunikazzjoni kif imiss fl-Istituzzjoni;

(ċ) li jiżgura li kull politika, strateġija u deċiżjoni adottata mill-Bord tal-Gvernaturi u mill-Bord ta' Studji jiġu implimentati;

(d) li jiżgura kordinazzjoni u ħidma effettiva u effiċjenti tal-istrutturi, dipartimenti, ċentri, u tal-uffiċjali u l-impjegati tal-Istituzzjoni;

(e) li jiżgura li jiġu applikati l-miżuri kollha meħtieġa, inklużi proċeduri dixxiplinarji u l-proċessi ta' assikurazzjoni ta' kwalità u ta' awditjar tal-ħidmiet kollha li jsiru fi ħdan l-Istituzzjoni; u

(f) kull funzjoni oħra li tista' tingħata lill-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija mid-Direttur.

(2) L-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija għandu jagħmel laqgħat fuq bażi regolari li fihom jinżammu l-minuti kif dirett mill-Bord skont l-ħtiġiet ta' kuljum tal-Istituzzjoni.

Poteri u dmirijiet taċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi.

16. (1) Iċ-*Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi jkun l-ogħla uffiċjal fl-Istituzzjoni u jkun responsabbli sabiex jiżgura li l-Istituzzjoni tkun konformi mal-Att u ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Iċ-*Chairman* għandu joħroġ linji gwida u proċeduri tal-korpi ta' tmexxija tal-Istituzzjoni u jista' jreġġa' lura kemm il-darba jkun meħtieġ għand xi korp ta' tmexxija dawk il-linji gwida u proċeduri li fil-fehma tiegħu ma jkunux skont kif indikat fil-liġi.

(3) Iċ-*Chairman* għandu, kull meta jqis li jkun hekk meħtieġ, ikollu s-setgħa jlaqqa' u jippresjedi l-Bord tal-Gvernaturi, il-Bord ta' Studji u l-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija.

(4) Kull meta l-kariga ta' *Chairman* tkun temporanjament vakanti, u sakemm jinħatar *Chairman* ġdid, u kull meta d-detentur ta' dik il-kariga jkun assenti minn Malta jew fuq btala, jew għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet mogħtijin lilu b'dawn ir-regolamenti, dawk il-funzjonijiet għandhom jiġu moqdija mill-Viċi *Chairman* tal-Bord tal-Gvernaturi.

Funzjonijiet u responsabbiltajiet tal-Direttur.

17. (1) Mingħajr preġudizzju għall-poteri vestiti fil-korpi ta' tmexxija tal-Istituzzjoni bl-Att u bid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur jkun, bla ħsara għad-direzzjoni tal-Bord, responsabbli għat-tmexxija ta' kuljum tal-Istituzzjoni, jkun *ex officio* iċ-*Chairman* tal-Bord ta' Studji u r-rappreżentanza legali tal-Istituzzjoni u ta' kull fergħa tagħha f'Malta u Għawdex tkun vestita fih.

(2) Id-Direttur jinħatar fil-kariga għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet snin:

Iżda d-Direttur għandu jkun eliġibbli biex jerġa' jinħatar

għal aktar perjodi li kull wieħed minnhom ma jkunx iżjed minn tliet snin.

(3) Id-Direttur għandu jeżerċita awtorità fuq il-persunal akkademiku, l-eżaminaturi, min ikun qed jitgħallem, kandidati għall-eżamijiet, impjegati u kull min ikun fdat li jagħti xi servizz lill-Istituzzjoni, u għandu jinforza d-dixxiplina u l-osservanza stretta tal-Att u tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti u tal-linji gwida u proċeduri tal-Istituzzjoni.

(4) Id-Direttur m'għandu jkollu ebda kariga jew posizzjoni oħra jew jiġġestixxi xi attività kummerċjali mingħajr il-kunsens bil-miktub tal-Bord tal-Gvernaturi.

(5) Id-Direttur ikun responsabbli li jiżgura l-eżekuzzjoni ta' kull politika u deċiżjoni tal-korpi ta' tmexxija tal-Istituzzjoni.

(6) Id-Direttur ikollu s-setgħa li jlaqqa' l-Bord ta' Studji u l-Uffiċċju Eżekuttiv ta' Tmexxija.

(7) Id-Direttur jagħti r-rikonoxximenti u d-distinzjonijiet tal-Istituzzjoni.

(8) Id-Direttur għandu jiżgura li, sakemm ikun jiddependi minnu, il-korpi ta' tmexxija jkunu regolarment kostitwiti u li x-xogħol tagħhom ikun ippjanat u kkordinat, u jiżgura li dawn jitlaqqgħu regolarment kif stabbilit b'dawn ir-regolamenti u d-deċiżjonijiet tal-korpi ta' tmexxija tal-Istituzzjoni jitwettqu.

(9) Id-Direttur għandu jipprovdi għall-organizzazzjoni ta' dawk l-elezzjonijiet li jkunu meħtieġa b'dawn ir-regolamenti, inkluż li jara dawn iseħħu bil-mod provdut u mingħajr ebda dewmien.

(10) Id-Direttur għandu jiżgura li l-operazzjonijiet tal-Istituzzjoni isegwu ftehim ta' ħidma tal-Istituzzjoni li għandu jiġi maqbul bejn is-Segretarju Permanenti u l-Istituzzjoni u għal dan l-għan l-artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, għandu japplika *mutatis mutandis*. Kap. 497.

(11) Id-Direttur għandu jġib fis-seħħ, kemm jista' jkun malajr, kull talba bil-miktub, li ma tkunx inkonsistenti ma' xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti li l-Ministru jista' jagħmel, f'dak li għandu x'jaqsam mal-politika li għandha tiġi segwita minnu fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu, u f'dak li għandu x'jaqsam ma' kull ħaġa li l-Ministru jkun jidhirlu li tolqot l-Istituzzjoni u xi fergħa minn tagħha.

(12) Id-Direttur għandu jipprovdi l-Bord b'rapporti regolari fuq il-ħidma u l-finanzi tal-Istituzzjoni.

(13) Il-funzjonijiet tad-Direttur għandhom jinkludu responsabbiltà assoluta għar-residenza tal-Istituzzjoni u għal kull fergħa tal-Istituzzjoni f'Malta jew Għawdex.

(14) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur għandu jwettaq kull funzjoni li jiġi ordnat li jagħmel mill-Bord tal-Gvernaturi.

Viċi Direttur.

18. (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-Viċi Direttur għandu jwettaq dawk il-funzjonijiet li jiġu delegati lilu mid-Direttur, inkluż li jaġixxi f'ismu kif jista' jkun meħtieġ.

(2) Meta ssir referenza f'dawn ir-regolamenti għad-Direttur, dan għandu jiftiehem li jfisser il-Viċi Direttur f'dak li għandu x'jaqsam mal-funzjonijiet li jiġu delegati mid-Direttur lill-Viċi Direttur.

(3) Meta d-Direttur ikun assenti, il-Viċi Direttur għandu jaġixxi minflok id-Direttur waqt l-assenza tiegħu. Meta l-post ta' Direttur ikun vakanti għal xi żmien, il-Viċi Direttur għandu, tul dak iż-żmien, jaġixxi minflok id-Direttur, u jkollu, matul dak il-perjodu, dawk il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet attribwibbli lid-Direttur taħt dawn ir-regolamenti.

Kap tal-Affarijiet Akkademiċi.

19. Il-Kap tal-Affarijiet Akkademiċi jkun responsabbli, taħt id-direzzjoni tad-Direttur, għat-tim akkademiku u l-kontenut akkademiku tal-Istituzzjoni, inkluż il-kurrikulu, l-għoti tal-programmi u l-korsijiet u l-assikurazzjoni tal-kwalità tat-tagħlim provdut mill-Istituzzjoni. Għaldaqstant, huwa għandu jwettaq dawk il-funzjonijiet u d-dmirijiet li jistgħu jkunu meħtieġa mid-Direttur skont il-ħtiġiet tal-Istituzzjoni.

Kap tal-Amministrazzjoni.

20. (1) Il-Kap tal-Amministrazzjoni jassisti lid-Direttur fl-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' kuljum tal-Istituzzjoni, tal-impjegati u l- finanzi tagħha u ta' kull proprjetà mobbli u immobbli. Kull meta hekk jitolbu d-Direttur, huwa għandu jeżegwixxi deċiżjonijiet tal-korpi ta' tmexxija.

(2) Il-Kap tal-Amministrazzjoni wkoll jagħti parir lid-Direttur rigward dak l-awditjar intern tal-finanzi jew tal-ħidma tal-Istituzzjoni, u dak il-kontroll finanzjarju jew operattiv li jqis li jkun meħtieġ u għandu ukoll jwettaqhom.

(3) Il-Kap tal-Amministrazzjoni ikun responsabbli, taħt id-direzzjoni tad-Direttur, għall-amministrazzjoni ta' kuljum tal-finanzi tal-Istituzzjoni, u dwar dan jirrapporta lid-Direttur. Meta jkun qed iwettaq din ir-responsabbiltà, il-Kap tal-Amministrazzjoni jkollu

dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) iħejji dawn li ġejjin:

(i) l-estimi ta' kull sena tad-dħul u l-infiq;

(ii) dikjarazzjoni komparata ta' kull sena tad-dħul u l-infiq;

(iii) il-bilanċ ta' kull sena u dikjarazzjoni tal-kontijiet; u

(iv) il-*management accounts* kull tliet xhur;

(b) li jiżgura il-ġbir tad-dħul u flejjes dovuti lill-Istituzzjoni;

(ċ) li jżomm sistema xierqa ta' kontijiet li tħaddan l-operazzjonijiet finanzjarji kollha tal-Istituzzjoni;

(d) li jkun responsabbli għall-ordnijiet kollha, għax-xiri kollu, u għall-kontroll ta' l-imħażen u l-inventarji;

(e) biex jagħti parir lid-Direttur fuq l-ispiża li ssir minn provdimenti approvati; u

(f) flimkien mad-Direttur, li jiffirma wkoll miegħu kambjali, ċekkijiet, *bank drafts*, ittri ta' kreditu u d-dokumenti bankarji, finanzjarju u kummerċjali l-oħra kollha, bla ħsara għal kull restrizzjoni li ssir mill-Bord tal-Gvernaturi.

(4) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, id-Direttur Amministrattiv għandu kull dmir ieħor li jista' jkun meħtieġ mid-Direttur skont il-ħtiġiet tal-Istituzzjoni.

Ir-Reġistratur.

21. Ir-Reġistratur ikollu, taħt id-direzzjoni tad-Direttur, dawn il-funzjonijiet li ġejjin:

(a) li jimmaniġġa l-is*tudent management information system* tal-Istituzzjoni and li jimmaniġġa l-*work placements* li jingħataw lill-istudenti;

(b) li jżomm s-siġill tal-Istituzzjoni u jiffirma ukoll id-dokumenti kollha li fuqhom jitqiegħed is-siġill tal-Istituzzjoni;

(ċ) li jiffirma d-dokumenti li jiċċertifikaw ir-rikonoxximenti mogħtijin mill-Istituzzjoni u li jżomm rekord sħiħ tagħhom;

(d) li jagħmilha ta' segretarju għall-Bord ta' Studji;

(e) li jiżgura li ir-rekords tal-eżamijiet kollha magħmulin mill- Istituzzjoni jiġi salvagwardat sew;

(f) li jżomm kopji aġġornati tal-linji gwida u proċeduri tal-Istituzzjoni;

(g) li jżomm elenki tal-membri tal-Bord ta' Studji, tal-eżaminaturi u tal-istudenti;

(h) li jimmaniġġa l-proċess amministrattiv u organizzattiv li jkollu x'jaqsam ma' kull aspett tal-attivitajiet tat-tagħlim tal-istudenti;

(i) li jżomm rekord tal-attivitajiet tat-tagħlim ta' kull student;

(j) li jżomm l-istatistika tal-Istituzzjoni;

(k) li jagħmel arranġamenti xierqa għall-orarju tat-tagħlim, wara li jikkonsulta lill-Bord ta' Studji; u

(l) mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, li jaqdi dmirijiet oħra kif jista jkun mitlub mid-Direttur skont il-ħtiġiet tal-Istituzzjoni.

Kapijiet ta' Dipartiment.

22. (1) Għandu jkun hemm Kap ta' Dipartiment wieħed għal kull dipartiment imwaqqaf fi ħdan l-Istituzzjoni skont dawn ir-regolamenti.

(2) Il-Kapijiet ta' Dipartiment ikunu responsabbli, taħt id-direzzjoni tad-Direttur, għal kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-funzjonament kif imiss tad-dipartiment tagħhom. Għaldaqstant, huma għandhom jaqdu dmirijiet oħra kif jista jkun mitlub mid-Direttur skont il-ħtiġiet tal-Istituzzjoni.

Ħatriet ta' membri tal-persunal bi dmirijiet formali.

23. (1) Il-ħatra ta' kull membru tal-persunal li jkollu dmirijiet formali u regolari ssir mid-Direttur u tiġi konfermata mill-Bord tal-Gvernaturi.

(2) Il-ħatra tal-persunal akkademiku li jkollu dmirijiet formali u regolari għandha ssir fil-gradi stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi, bl-approvazzjoni tal-Ministru, skont l-kwalifiki u l-esperjenza professjonali tal-persuna li tkun qegħda tinħatar. Jistgħu jsiru reklami għal ħatriet fi gradi speċifiċi.

Ilbies uffiċjali.

24. L-ilbies uffiċjali xieraq li l-uffiċjali ewlenin tal-Istituzzjoni, il-persunal akkademiku, impjegati, gradwati, min ikun

qed jitgħallem u l-membri oħra tal-Istituzzjoni huma mistennija jilbsu f'okkażżjonijiet uffiċjali għandu jiġi provdut dwaru fil-linji gwida magħmulin mill-Bord tal-Gvernaturi.

Għoti ta' rikonoxximenti.

25. (1) Ir-rikonoxximenti jingħataw f'ċeremonja pubblika jew, bl-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi, f'ċeremonja privata jew *in absentia*.

(2) Kandidat ikun eliġibbli għal rikonoxximent tal-Istituzzjoni biss wara li d- Direttur jiċċertifika li l-kundizzjonijiet kollha provduti fil-linji gwida rilevanti tal-Istituzzjoni jkunu twettqu, u sakemm l-obbligu u responsabbiltajiet l-oħra kollha tal-kandidat lejn l-Istituzzjoni jkunu ġew ukoll sodisfatti.

(3) Ebda persuna ma titqies li għandha rikonoxximent tal-Istituzzjoni kemm-il darba dak ir-rikonoxximent ma jkunx ingħatalu kif mfisser fis-subregolament (1).

Fergħat tal-Istituzzjoni.

26. (1) L-Istituzzjoni għandha tistabbilixxi, bil-mod meħtieġ fir-regolament 10, u permezz ta' linji gwida adottati mill-Bord tal-Gvernaturi, dawk il-fergħat tal-Istituzzjoni f'Malta, Għawdex jew barra minn Malta, b'dawk id-dipartimenti li tista' tqis li jkunu meħtieġa.

(2) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jaħtar *Branch Manager* għal kull waħda mill-fergħat tagħha f'Malta jew Għawdex. Il-*Branch Manager* jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-fergħa li jkun assenjat fiha, ikun responsabbli lejn id-Direttur fir-rigward tal-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tiegħu u jirraporta lid-Direttur hekk kif ikun meħtieġ mid-Direttur.

(3) Il-fergħat tal-Istituzzjoni f'Malta u f'Għawdex jkunu regolati mill-Bord tal-Gvernaturi mwaqqaf skont it-regolament 9. Il-Bord tal-Gvernaturi jinvolvi, kif u meta jkun meħtieġ, lil *Branch Manager*s skont kif provdut fir-regolament 9(3), *mutatis mutandis*.

(4) L-Istituzzjoni għandha tiżgura li l-finanzjament, l-ippjanar, il-provvista ta' edukazzjoni u taħriġ, l-ħatriet u s-salarju tal-persunal u l-ħlasijiet rilevanti kollha tal-fergħat ikunu integrati f'sistema waħda li tkopri kollox li japplika għall-Istituzzjoni.

(5) Il-linji gwida msemmija fis-subregolament (1) għandhom jistabbilixxu, skont dawn ir-regolamenti, il-mod kif ir-relazzjonijiet bejn il-fergħa rispettiva u l-Istituzzjoni għandhom iseħħu, partikolarment dawk li jkun jirrigwardaw l-iżvilupp ta' programmi u korsijiet, ir-rikonoxximenti mogħtija mill-fergħat, ir-relazzjonijiet esterni tal-fergħat, ħatriet ta' persunal fil-fergħat u kull ħaġa oħra li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Gvernaturi u tad-Direttur

f'dak li għandu x'jaqsam mal-Istituzzjoni.

(6) Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jagħmel dawk l-arranġamenti għal kull fergħa tal-Istituzzjoni barra minn Malta li tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tkun eżenti mill-ħtiġiet tas-subregolamenti (2) sa (5) sakemm dik il-fergħa tkun isservi biex twettaq il-missjoni tal-Istituzzjoni kif provdut f'dawn ir-regolamenti.

Żvelar ta' interessi.

27. (1) Meta membru ta' xi korp ta' tmexxija tal-istituzzjoni, membru tal-persunal tal-Istituzzjoni, jew xi persuna li tkun b'xi mod ieħor involuta fl-għoti ta' servizzi edukattivi jew servizzi oħra fl-Istituzzjoni, ikollhom xi interess fi, jew materjali għal, xi affari li għandha tiġi ikkunsidrata minn xi korp ta' tmexxija tal-Istituzzjoni, din -

(a) għandha tiżvela lill-korp tat-tmexxija, skont il-każ, ix-xorta tal-interess tiegħu fl-ewwel laqgħa tal-korp ta' tmexxija wara jinkiseb dak l-interess jew qabel tiġi ikkunsidrata l-affari, skont liema tiġi l-ewwel;

(b) m'għandhiex tieħu ebda sehem fil-konsiderazzjoni ta' dik l-affari u m'għandiex la tinfluwenza u lanqas tipprova tinfluwenza deċiżjoni li għandha x'taqsam ma' dik l-affari;

(ċ) jekk tkunx membru ta' korp ta' tmexxija tal-Istituzzjoni, għandha tirtira mil-laqgħa ta' dak il-korp ta' tmexxija filwaqt li tkun qegħda tiġi diskussa jew ikkunsidrata l-affari u m'għandiex tivvota jew b'xi mod ieħor taġixxu f'dik il-kariga għal dak li għandu x'jaqsam ma' dik l-affari.

(2) Meta tqum kwistjoni dwar jekk il-kondotta ta' persuna, fejn din tibqa tokkorri, tirriżultax jew le f'nuqqas milli tikkonforma ruħha mal-ħtiġiet tas-subregolament (1), il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-Bord ta' Gvernaturi u kemm id-deċiżjoni kemm il-motivazzjoni tagħha għandhom jiġu miniżżla fil-minuti tal-laqgħa fejn tkun ittieħdet id-deċiżjoni.

(3) Meta jsir xi żvelar lil korp ta' tmexxija konformement mas-subregolament (1), għandu jiġu mniżżel dwar dak l-iżvelar fil-minuti ta' dik il-laqgħa.

(4) Meta persuna msemmija f'dan ir-regolament tonqos milli tagħmel l-iżvelar meħtieġ, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi dwar liema azzjoni xierqa (inkluża t-tneħħija mill-kariga jew it-terminazzjoni tal-kuntratt) għandu jieħu.

(5) Fejn il-persuna li jkollha l-interess imsemmi fis-subregolament (1) tkun membru votanti tal-Bord tal-Gvernaturi, l-

affarijiet li jkunu ġew żvelati skont dan ir-regolament għandhom jinġiebu quddiem il-Ministru mingħajr dewmien. Meta dak l-interess li l-membru jista' jkollu jkun tali li jwassal għat-tneħħija tiegħu mill-kariga, il-membru għandu minnufih jirrapporta l-fatt lill-Ministru u joffri r-riżenja tiegħu, mingħajr preġudizzju għas-setgħa li għandu l-Ministru li jneħħi lil dak il-membru mill-Bord tal-Gvernaturi.

Żvelar ta' informazzjoni.

28. (1) Salv kif xort'oħra provdut b'dawn ir-regolamenti jew b'kull liġi oħra, persuna m'għandhiex, ħlief meta jkun meħtieġ għat-twettiq kif imiss tal-funzjonijiet tagħha, mingħajr il-kunsens tal-Bord tal-Gvernaturi, tiżvela lil xi persuna xi informazzjoni mhux pubblika li tkun kisbet waqt li tkun qegħda twettaq, jew bħala riżultat li tkun wettqet, dmirijiet bħala membru ta' xi korp ta' tmexxija tal-Istituzzjoni jew bħala membru tal-persunal tal-Istituzzjoni jew bħala persuna b'kull mod ieħor involuta fl-għoti ta' servizzi edukattivi jew servizzi oħra lill-Istituzzjoni.

(2) Ebda ħaġa fis-subregolament (1) m'għandha tipprevjeni l-iżvelar lill-Ministru ta' informazzjoni f'rapport magħmul minn jew lill-Istituzzjoni jew għall-Istituzzjoni.

(3) Salv kull azzjoni dixxiplinarji li l-Bord jista' jqis li tkun adatta li tittieħed, kull persuna li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' reat u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn elf u mitt euro (1,100) u mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (2,500) jew priġunerija għal mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Uffiċjali u persunal tal-entitajiet.

29. (1) L-artikoli 113 sa 115 tal-Att għandhom japplikaw għall-Istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħatriet ta' persunal:

Iżda, għall-fini ta' dawn ir-regolamenti:

(a) kull referenza għall-Prim Ministru fl-artikolu 114 tal-Att għandha tiftiehem bħala referenza għas-Segretarju Permanenti Ewlieni, li jimxi mad-direzzjoni mogħtija mill-Prim Ministru;

(b) meta fil-kalkolu tal-emolumenti pensjonabbli ta' xi uffiċjal li jkun qiegħed jaqdi dmirijietu mal-Istituzzjoni kif provdut fl-artikolu 114, għall-finijiet ta' intitolament għal pensjoni taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, m'għandha tingħata ebda konsiderazzjoni lil xi *allowance*, *bonus* jew gratwità mħallsa lil dak l-uffiċjal mill-Istituzzjoni tkun iżjed minn dak li jkollu jedd għalih bħala uffiċjal pubbliku; u

Kap. 93.
Kap. 58.

(ċ) matul iż-żmien li fih xi uffiċjal ikun imqabbad

jaqdi dmirijietu mal-Istituzzjoni kif provdut fil-paragrafu ta' qabel dan, il-pattijiet u l-kundizzjonijiet tas-servizz tiegħu m'għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk marbuta mal-ħatra tiegħu mal-Gvern matul iż-żmien hawn qabel imsemmi. Dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet m'għandhomx jitqiesu li jkunu inqas favorevoli għax ma jkunux għal kollox identiċi jew aħjar minn dawk li jgawdu l-uffiċjal involuti fid-data meta ssir dik il-ħatra, jekk fil-fehma tal-Prim Ministru dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet, meħudin bħala ħaġa waħda, ikunu joffru benefiċċji sostanzjalment ekwivalenti jew aħjar.

(2) (a) Il-karigi u il-gradi salarjali tal-Istituzzjoni għandhom ikunu klassifikati f'eżerċizzju li jsir minn bord magħmul minn *chairperson* maħtur mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet li għandhom x'jaqsmu b'mod ġenerali mal-persunal fis-servizz pubbliku u l-ieħor maħtur mill-Bord tal-Gvernaturi. Il-klassifikazzjoni tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(b) Dik il-klassifika għandha ssir fi żmien sitt xhur mid-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

(ċ) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', wara klassifikazzjoni bħal dik imsemmija, jkollu jedd għal xi dritt taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li jkun inqas favorevoli minn dawk li kieku kien ikollu jedd għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni.

Kap. 93.

Persuni meqjusa bħala uffiċjali pubbliċi.

30. Skont kif dispost fl-artikolu 130 tal-Att, membri tal-Bord tal-Gvernaturi u kull uffiċjal jew impjegat tal-Istituzzjoni, għandhom ikunu meqjusa u jiġu trattati bħala uffiċjali pubbliċi għall-l-iskopijiet tal-Kodiċi Kriminali.

Kap. 9.

Disposżizzjoniji et finanzjarji..

31. (1) L-artikoli 116 sa 124 tal-Att għandhom japplikaw għall-Istituzzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-affarijiet finanzjarji tal-Istituzzjoni.

(2) L-Istituzzjoni tkun regolata mid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika, kemm-il darba ma jkunx speċifikat xort'oħra fil-ftehim ta' ħidma tal-Istituzzjoni li jsir bejn is-Segretarju Permanenti u l-Istituzzjoni kif indikat fir-regolament 17(10), u f'dak il-każ għandhom jipprevalu id-dispożizzjonijiet tal-imsemmi ftehim ta' ħidma.

Kap. 174.

Drittijiet u stipendji.

32. (1) Skont kif dispost fl-artikolu 126 tal-Att, kull tagħlim *full-time* li jirċievu l-istudenti Maltin fl-Istituzzjoni matul il-ħinijiet normali għandhom ikunu bla ħlas.

(2) Il-Ministru, meta hekk jingħata parir mill-Bord tal-Gvernaturi, jista' b'regolamenti jordna l-ħlasijiet li għandhom jitħallsu għal eżamijiet u għal progammi u korsijiet speċjali li jsiru barra l-ħinijiet normali u l-ħlasijiet li għandhom jitħallsu minn studenti li ma humiex ċittadini Maltin:

Iżda l-Ministru jista' jeżenta lil kull persuna milli jagħmel dak il-ħlas.

(3) Skont l-artikolu 126 tal-Att, il-Ministru jista' jistabbilixxi r-rati ta' għotjiet ta' manteniment jew stipendji li għandhom jitħallsu lil min ikun qed jitgħallem fi ħdan l-Istituzzjoni u jista' jimponi kundizzjonijiet għal kif dawn jitħallsu.

Relazzjonijiet mal-Ministru.

33. (1) L-artikolu 134 tal-Att jkun japplika għar-relazzjonijiet tal-Istituzzjoni mal-Ministru.

(2) L-Istituzzjoni għandha tagħti lill-Ministru faċilitajiet għall-ksib ta' kull informazzjoni rigward il-proprjetà u l-attivitajiet tal-Istituzzjoni, u għal dan l-għan il-Bord tal-Gvernaturi għandu jipprovdi lill-Ministru b'kull ammont riċevut, kontijiet u informazzjoni oħra li jkollha x'taqsam ma' dan, u għandha tagħtih l-faċilitajiet kollha għall-verifika ta' kull informazzjoni mogħtija, b'dak il-mod u f'dak iż-żmien li l-Ministru jista' jkun raġonevolment jeħtieġ.

(3) Ħlief kif xort'oħra provdut fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, l-Istituzzjoni għandha tkun taqa' taħt id-direzzjoni ġenerali tal-Ministru u, bla ħsara għal dik id-direzzjoni, taħt is-sorveljanza tas-Segretarju Permanenti.

(4) Il-Ministru jista', għar-rigward ta' dawk l-affarijiet li jkunu jidhrulu li jolqtu l-interess pubbliku, minn żmien għal żmien jagħti lill-Istituzzjoni direzzjonijiet bil-miktub ta' xorta ġenerali li ma jkunux inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet tal-Att jew ta' dawn ir-regolamenti, dwar il-politika li għandha tiġi segwita mill-Istituzzjoni fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha, bl-Att u dawn ir-regolamenti jew taħthom, u l-Istituzzjoni għandha, kemm jista' jkun malajr, iġġib fis-seħħ lil kull direzzjoni bħal dik.

(5) Il-linji gwida li jsiru mill-Istituzzjoni kif provdut f'dawn ir-regolamenti jeħtieġu l-approvazzjoni tal-Ministru biex dawn jiġu fis-seħħ.

Kap. 497.

(6) Salv kif xort'oħra provdut fl-Att jew f'dawn ir-regolamenti, l-artikolu 38 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, għandu jkun japplika *mutatis mutandis* għall-Istituzzjoni.

Kap. 497.

(7) Il-Ministru jista' jaħtar Bord Konsultattiv biex jgħin lid-Direttur bil-mod provdut taħt l-artikolu 42 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika.

Trasferiment ta' proprjetà.

34. (1) Il-proprjetà u l-impriżi tal-Gvern u użati minnu minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, kif minnu użati minnu għat-tħaddim ta' xi funzjoni li b'dawn ir-regolamenti qegħdin jiġu trasferiti lil jew vestiti fl-Istituzzjoni għandhom, fid-data hawn qabel imsemmija, bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr ebda assikurazzjoni ulterjuri, jiġu trasferiti lil u jkunu vestiti fl-Istituzzjoni taħt l-istess titolu li bih kienu miżmuma mill-Gvern minnufih qabel id-data imsemmija. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament m'għandhomx ikunu japplikaw għal proprjetà immobbli.

(2) L-użu u l-amministrazzjoni ta' proprjetà immobbli minn żmien għal żmien kif speċifikat b'ordni magħmula mill-President ta' Malta u pubblikata fil-Gazzetta (hawn iżjed 'il quddiem imsejjħa "il-proprjetà immobbli") li tkun proprjetà immobbli li, minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, kienu proprjetà tal-Gvern u kienu jintużaw minnu għat-operat ta' xi funzjoni li qegħda b'dawn ir-regolamenti tiġi trasferita lil jew vestita fl-Istituzzjoni, għandhom, b'seħħ minn dik il-ġurnata speċifikata f'dik Ordni u bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti u mingħajr ebda assikurazzjoni ulterjuri, tiġi trasferita lil u vestita fl-Istituzzjoni taħt l-istess titolu li bih kienet miżmuma mill-Gvern minnufih qabel dik il-ġurnata.

(3) It-trasferiment u vestiment imsemmi hawn qabel għandu jestendi għal dik il-proprjetà u dawk l-impriżi kollha u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità imsemmija hawn qabel, għandu jinkludi kull impjant, tagħmir, apparat, strument, vettura, inġenju, bini, struttura, installazzjoni, art, toroq, xogħlijiet, ħażniet u proprjetà mobbli jew immobbli oħra, attiv, poteri, drittijiet u privileġġi u kull m'hu meħtieġ jew anċillari magħhom li jkunu miżmuma jew gawduti b'konnessjoni magħhom jew li jkun jappertjenu għalihom, kif ukoll l-obbligazzjonijiet kollha li jolqtu jew li għandhom x'jaqsmu ma' xi proprjetà jew impriżi imsemmija hawn qabel jew affarijiet oħra inklużi magħhom kif imsemmija qabel.

(4) Kull trasferiment ta' proprjetà, kemm mobbli u kemm immobbli, għandu jkun suġġett għal dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha li l-President, wara konsultazzjoni mal-Ministru, jista' jqis li jkunu meħtieġa sabiex jiġi żgurat li dik il-proprjetà tkun esklużivament użata għall-finijiet tal-funzjonijiet tal-Istituzzjoni jew għal finijiet anċillari għaliha.

Vestiment ta' drittijiet fl-Istituzzjoni.

35. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kull liġi, regola, regolament, ordni, sentenza, digriet, rikonoxximent,

att, obbligazzjoni, kuntratt, ftehim, strument, dokument, garanzija u arranġament ieħor, li kien jeżisti minnufih qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti li jolqtu jew għandhom x'jaqsmu ma' xi proprjetà jew impriża trasferita lill-Istituzzjoni minn jew taħt dawn ir-regolamenti għandhom ikollhom kull saħħa u effett kontra jew favur l-Istituzzjoni, u għandhom ikunu infurzabbli liberament u effettivament, bħallikieku minflok il-Gvern jew awtorità governattiva li kienet hemm imsemmija jew kienet parti fiha, u xort'oħra b'sostituzzjoni tal-Gvern jew tal-awtorità governattiva.

Dispożizzjonijiet transitorji.

36. (1) Meta xi ħaġa tkun inbdiet bl-awtorità tal-Gvern jew taħtha qabel id-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, u dik il-ħaġa jkollha x'taqsam ma' xi proprjetà jew impriża jew xi dritt jew passiv trasferit lill-Istituzzjoni b'dawn ir-regolamenti jew taħthom, dik il-ħaġa tista' titkompla u titwettaq mill-Istituzzjoni jew kif awtorizzat minnha.

(2) Meta, minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, ikun hemm pendenti xi proċedimenti legali li l-Gvern ikun jew ikollu jedd ikun parti fihom, u dawk il-proċedimenti jkollhom x'jaqsmu ma' xi proprjetà jew impriża, jew ma' xi dritt jew passiv trasferit b'dawn ir-regolamenti jew taħthom, l-Istituzzjoni għandha, sa mid-data hawn qabel imsemmija, tiġi sostitwita f'dawk il-proċedimenti minflok il-Gvern, jew għandha ssir tgħamel parti fihom bl-istess mod bħalma l-Gvern seta' ġie sostitwit, u dawk il-proċedimenti m'għandhomx jittiefsu minħabba f'dik is-sostituzzjoni.

(3) Il-Ministru jista', b'ordni, jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet inċidentali, konsegwenzjali u supplementali hekk kif jista' jqis li jkun meħtieġ jew spedjenti għall-fini li jiddetermina, kif imiss, l-attiv trasferit lill-Istituzzjoni b'dawn ir-regolamenti u jiżgura u jagħti effett sħiħ lit-trasferiment ta' xi proprjetà jew impriża jew xi dritt jew passiv lill-Istituzzjoni b'dawn ir-regolamenti u jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa sabiex kull poter u dmir eżerċitabbli mill-Gvern f'dak li għandu x'jaqsam ma' xi proprjetà jew impriża trasferita hekk kif jistgħu jitwettqu mill-Istituzzjoni jew għaliha.